MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 117/2015

**Public Broadcasting Services Limited**

**(C-13140)**

**VS**

**Executive Services Limited**

**(C-6533)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Public Broadcasting Services Limited tad-9 ta'Frar 2015 li jaqra hekk:

1. *"Illi s-socjeta' attrici topera x-xandir pubbliku ta'Malta u prandar diversi stazzjonijiet ta' televizjoni u radju fosthom TVM, TVM2, TVM HD, TVM 2 HD, Radju Malta u Magic FM;*

2. *IIli bhala parti mill-operat taghha, s-socjeta' attrici tbiegh lil terzi, reklami ossija 'spots' li jixxandru fi programmi televizivi u / jew tar-radju, kif ukoll 'teleshopping' u messaggi promozzjonali ohra;*

3. *Illi s-socjeta' konvenuta accettat u iffirmat diversi kuntratti ghal xandir ta' reklami, teleshopping u messaggi promozzjonali ohra (ara dokumenti annessi u mmarkati bhala 'Dok. PBS1');*

4. *Illi s-socjeta' attrici harget u baghtet il-fatturi relattivi kollha lis-socjeta' konvenuta (ara dokumenti annessi u mmarkati bhala 'Dok. PBS2');*

5. *Illi inoltre s-socjeta' attrici, kull xahar baghtet statement aggornat tal-ammonti dovuti mis-socjeta' konvenuta, liema statement qatt ma gie oppost mill-imsemmija socjeta' (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. PBS3');*

6. *Illi ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf sitt mrja u disgha u disghin ewro (€28,699), oltre l-imghax legali dekorribli skond il-Ligi, liema somma hija ma hallsitx minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex jaghmlu dan;*

7. *Illi fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti, s-socjeta' konvenuta m'ghandha 1-ebda eccezzjoni x'tissoleva kontra t-talbiet ta'l-istess socjeta'rikorrenti;*

8. *Illi s-Sur Brian Galea ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex dina 1-Onorabbli Qorti m'ghandiex tiddeciedi billi:*

1. *Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitlu 12 tal- Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin e1f sitt mija u disgha u disghin ewro (€28,699);*

3. *Tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf sitt mija u disgha u disghin ewro (€28,699).*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' dina l-kawza u tal-ittra ufficjali bin-numru 296/2015 u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-fatturi, kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni."*

Rat id-digriet tas-19 ta'Frar 2015 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal-11 ta'Marzu 2015 fl-12:30pm;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda prodotta minn Brian Galea, ghas-socjeta' rikorrenti jirrizulta illi s-socjeta' attrici kienet ezegwiet servizzi ta' reklamar permezz ta' *spots* li jixxandru fuq programmi televizi kif ukoll permezz ta' *teleshopping*.

Illi l-ordnijiet u l-*invoices* ghal dan ir-reklamar gew ezebiti u mmarkati bhla Dok. PBS1 u PBS2 (vide fol. 5 sa 43). Dawn gew konfermati bil-gurament minn Brian Galea li kkonferma illi l-ammont ta' **€28,698.84** ghadu dovut mis-socjeta' intimata lis-socjeta' rikorrenti.

Il-Qorti rat l-ittra ufficcjali ghall-ammont reklamat – vide Dok. PBS4 a fol. 45

Il-Qorti rat illi raprezentant tas-socjeta' intimata naqas illi jidher fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2015 u fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2015.

Il-Qorti qieset illi ma jeszistix ostakolo ghal-ghotja tas-sentenza.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici fis-sens kif ser jinghad, billi:

1. Tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitlu 12 tal- Ligijiet ta'Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin e1f sitt mija u tmienja u disghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (**€28,698.84**);

3. Tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u ghoxrin e1f sitt mija u tmienja u disghin ewro u erbgha u tmenin centezmu **(€28,698.84).**

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ intimata Executive Services Limited.

**Moqrija**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------